# FUQ IT-TIFWIR TAX-XMAJJAR FIĊ-ĊINA

(BALLATA)

Ja siġra mitbiela? bit-tgħajn kollha mtabba',
Fik bejta biss tidher, bl-arja, imħollija;
Intemm dak il-għana t'għasafar jittajru,
Ta' nisa li jinsġu taħt dellek fl-għaxija!

"Għaliex xmara kiefra bdejt tgerger bil-wisa'?
Li tak sa mill-ewwel biex tiġri l-Ħallieq?
Għarraqthom lid-djar hekk mistura w'daħkana?
Għidilna ja siġra: "naf minnek mixtieq."

"Jaqaw sabiex tara jekk tader din qalbi,
Din qalbi fejn skennet dik l-omm tqatta' xharha,
U tħares imwerċa lejn sema bla ħniena,
Lejn l-ilmà l'ipetpet bla tarf hemm madwarha?

"Talbuha biex jeklu lè kellha x'tatihom,
Biss ilma li jgħammex u jaħraq bit-tajn;
It-tfal kollha mietu bil-ġuħ hemm quddiemha,
W'hi baqgħet bla biki, bla demgħa fil-għajn.

"Ja xmara bla ħniena x'għamilt int b'ġisimhom,
Xħin kollha fik waqgħu minn fuqi xebgħana?
Għaliex lè ħallejthom jistrieħu għal dejjem
Fejn twieldu, fejn għaxu għal ħajja rebagħna?

Ja xmara bla ħniena, x'ħallejtni hawn nagħmel,
Waħdiena, mitbiela, bla għana, bla rix,
La darba għarraqtu lil raħal minn tiegħi,
U dagħbu dawk niesu bl-għajjat u tkexkix?

"Ma stajtx qatt tintebaħ, ja kelba bla xabgħa,
Li niesi miġuħa jinsabu bla flus?
Kif huma mitlufa għad-deheb fit-taqtiegħa
Ma tgħinhom lè waħda fid-dinja mill-ġnus?

"Ja xmara kif int tista' tibqa' mifruxa;
Għalfejn terġa' tikxef lir-rħula wil-bliet?
X'hemm sbejjaħ fil-ħerba, fl-għerienêq jittajru
Fuq l-iġsma mikxufa bl-għajjat u bil-ġlied?"

A. Buttigieg.

11/10/31.